MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 207/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Berry**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, mix-xahar ta' Awissu, 2009 sax-xahar ta' Jannar, 2010, meta hekk orndat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Antoinette Berry u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xaharejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta' Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontrih, tirriformaha ghal dik li hija l-piena nflitta ta' xahrejn prigunerija w dana billi taghti piena aktar xierqa w gusta ghac-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi x-xahrejn prigunerija mposti fuq l-appellant kienu ghal kollox ezagerati tenut kont tal-fatti tal-kaz.

Semghet ix-xiehda ta' Antoinette Berry nhar it-8 ta' Novembru, 2009.

Semghet illi waqt is-seduta tal-lum 24 ta' Jannar, 2011 l-Avukat ta' mart l-appellant ghamel dikjarazzjoni li kien thallas dak kollu li kien dovut u anki illi mart l-appellant m'ghandhiex iktar interessi min habba li thallas dak li kellu jithallas.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat dan il-verbal u qieset kollox qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-tleita ta' Mejju 2010 billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fl-ismijiet premessi fejn sabet lill-appellant hati izda qed thassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant kien ikkundannat ghal xahrejn prigunerija w minflok qed timponi hlas ta' ammenda ta' disgha w hamsin Euro (€59).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------